**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRMINALI**

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**ILLUM 3 ta' Novembru 2023**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Mohamed Mohamoud Omar**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **l-imputat: <u>Mohamed Mohamoud Omar ta' 22 sena, imwieled nhar l-1 ta' Jannar 2001, ġewwa Mogadishu Somalja, iben Mahmoud Omar u Suad, detentur tal-karta ta' l-Identità bin-numru 9004013A u numru personali 20H-065, u residenti Ħal Far Tent Village Open Centre Birżebbuġia.</u>**

**Akkuzat talli:** *talli nhar il-31 t'Ottubru 2023 għal ħabta ta' bejn il-ħamsa u nofs u s-sitta ta' filgħaxija (1730 – 18:00) ġewwa Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:*

*Ikkommetta serq ta' basket kontenenti laptop u/jew oġġetti oħra minn ġewwa l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GBS 384, liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa liema serq sar għad-*

*detriment ta' Lennox Vella u/jew persuna/i oħra u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra.*

*Artikoli 261(c), (f), (g), 267, 270, 271(g), 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).*

*Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundana lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija għar-reat hawn fuq imsemmi tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;*

*Filwaqt li qed nesebixxu l-fedina penali, rapport tal-Pulizija u dokumentazzjoni bid-dettalji personali ta' Mohamed Mohamoud Omar, il-Prosekuzzjoni titlob li dan il-każ jiġi trattat skond il-liġi.*

**Rat id-dokumenti esebiti** fosthom il-fedina penali tal-imputat (Dok NC 3), *current incident report* (Dok NC 7), il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok NC 1) u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien biex jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu u jerga jikkonsulta ruhu mal-avukat.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu u semghet ukoll lill-prosekuzzjoni tikkonferma li ma kienetx qed tinsisti fuq piena karcerarja effettiva izda wahda fejn it-terminu ta' prigunerija jkun sospiz izda mhux fil-minimu. Minn naha taghha d-difiza filwaqt li abbraccjat is-sottomissjoni tal-prosekuzzjoni ziedet li l-imputat irregistra ammissjoni bikrija huwa ta eta tenera u ghandu kondotta nadifa.

***IKKUNSIDRAT***

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk gew sodisfacentement ippruvati.

Illi sabiex tigi kkalibrata l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tieghu, l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fedina penali tal-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz kif jemergu mill-atti u kif ukoll dak sottomess minn entrambi l-partijiet dwar il-piena waqt it-trattazzjoni taghhom.

***DECIDE***

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 261(c), (f), (g), 267, 270, 271(g), 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Mohamed Mohamoud Omar** ħati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah **ghal perijodu ta' sena (1) prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' tlett snin (3) millum**.

Il-Qorti spjegat lill-hati **Mohamed Mohamoud Omar** fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiċħad tali talba stante li ma ngabet ebda prova in rigward.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess ghall-atti kollha ta' dawn il-proceduri u ta' din is-sentenza bil-mezz u fiz-zmien pprovdut mill-Ligi.

**Dr. Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Caroline Perrett**
**Deputat Reġistratur**

**3 ta' Novembru 2023**